# UFFIĊĊJU STAMPA
**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**
Tel: 25906203, 21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

29 ta' Settembru 2008

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 122/2008

## L-ARĊISQOF SE JIEĦU SEHEM FL-ASSEMBLEA TA' L-ISQFIJIET EWROPEJ U S-SINODU TA' L-ISQFIJIET

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. għada, it-Tlieta, 30 ta' Settembru 2008, se jmur l-Ungerija fejn se jingħaqad mal-Presidenti tal-Konferenzi Episkopali ta' l-Ewropa għal Assemblea Plenarja tal-Kunsill tagħhom (CCEE) li se ssir f'Budapest, mit-30 ta' Settembru sat-03 ta' Ottubru 2008. Minnufih wara l-Assemblea fl-Ungerija, Mons. Arċisqof imur Ruma fejn se jieħu sehem f'Sinodu ta' l-Isqfijiet.

It-tema ċentrali ta' l-Assemblea ta' l-Isqfijiet Ewropej se tkun 'Il-Knisja u l-media', b'riferenza partikolari għall-attakki tal-media kontra l-Knisja u l-opportunità tal-Knisja li tiddefendi lilha nfisha.

L-Assemblea se tiddiskuti wkoll dwar il-Knisja fl-Afrika u l-kollaborazzjoni bejn Isqfijiet Afrikani u Ewropej; il-Knisja fl-Amerika Latina u l-Karibew u l-kollaborazzjoni bejn l-Isqfijiet Latin-Amerikani u Ewropej; u l-Knisja fil-Libanu u l-kollaborazzjoni bejn l-Isqfijiet fil-Lvant Nofsani u l-Ewropa.

L-Isqfijiet se jitkellmu wkoll dwar il-forum ekumeniku bejn l-Ortodossi u l-Kattoliċi; l-Istituzzjonijiet Ewropej; it-tagħlim tal-Fidi Kattolika fl-iskejjel; ir-riċerka dwar *stem cells* u dwar l-ewtanasja fil-qasam bioetiku, u r-relazjonijiet ma' l-Islam.

Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet se jinfetaħ mill-Papa Benedittu XVI f'konċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija li se ssir fil-bażilika Rumana ta' San Pawl Barra-il-Ħitan, nhar il-Ħadd, 5 ta' Ottubru, 2008. Din se tkun it-Tnax-il Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet. Fiha, l-Isqfijiet se jiddiskutu dwar "Il-Kelma ta' Alla fil-Ħajja u l-Missjoni tal-Knisja". Is-Sinodu jintemm il-Ħadd, 26 ta' Ottubru.